31987D0513

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-28 ta' Settembru 1987
dwar il-konklużjoni ta' Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Lebaniża

(87/513/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 238 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Lebaniża [2], iffirmat fi Brussel fit-3 ta' Mejju 1977, għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u Ir-Repubblika Lebaniża qiegħed b'dan jiġi approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifikazzjoni pprovduta fl-Artikolu 5 tal-Ftehim [3].

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussell, fit-28 ta' Settembru 1987.

Għall-Kunsill

Il-President

B. HAARDER

---

(1) Qbil mogħti fis-16 ta' Settembru 1987 (għadu mhux pubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

(2) ĠU L 267, tas-27.9.1978, pġ. 2.

(3) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.